

**Emenda 106****Martin Hojsík**

f'isem il-Grupp Renew

**Rapport****A9-0271/2023****Maria Spyroski**Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet  
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))**Proposta għal regolament****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1272/2008

Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(4a) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li  
żej:*

*“3a. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika  
għal sustanzi li fihom aktar minn  
kostitwent wieħed ta’ oriġini botanika  
rinnovabbli li mħumiex modifikati  
kimikament jew ġenetikament mingħajr  
preġudizzju għall-applikazzjoni tar-  
Regolament (UE) Nru 1107/2009<sup>1a</sup> jew  
tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.<sup>1b</sup>*

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21  
ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq  
ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li  
jħassar id-Direttivi tal-Kunsill  
79/117/KEE u 91/414/KEE.*

*<sup>1b</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22  
ta’ Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-  
użu tal-prodotti bijoċidali.*

Or. en

**Emenda 107****Martin Hojsík**

f'isem il-Grupp Renew

**Rapport****Maria Spyroski**Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet  
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))**A9-0271/2023****Proposta għal regolament****Anness II – paragrafu 1 – punt -1 (ġidid)**

Regolament (KE) Nru 1272/2008

Anness II – Parti 3 – Taqsima 3.1.1.1

*Test fis-seħħ**Emenda*

**-1 fil-Parti 3, it-Taqsima 3.1.1.1 hija emendata kif ġej:**

“**3.1.1.1.** Imballaġġ ta’ kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċitā akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, – STOT espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1 għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.

“**3.1.1.1.** Imballaġġ ta’ kwalunkwe kapaċità li fih sustanza jew taħlita fornuta lill-pubbliku ġenerali u kklassifikata għat-tossiċitā akuta, kategoriji 1 sa 3, STOT – espożizzjoni waħda kategorija 1, STOT – espożizzjoni ripetuta kategorija 1, jew korrużjoni tal-ġilda kategorija 1, *jew ħsara serja lill-għajnejn kategorija 1 (li ma tkunx kompletament riversibbli fuq l-għajnejn)* għandhom ikunu mgħammra bi qfieli reżistenti għat-tfal.

Or. en

*((KE) Nru 1272/2008)*